# L-Uniformi tal-Iskola Sta Monika

L-istudenti tas-Sentejn ta’ Qabel il-Primarja u dawk tal-1 Sena u t-2 Sena fil-Primarja għandhom jilbsu l-PE kit tul is-sena kollha. Mit-3 Sena fil-Primarja ’l fuq, l-istudenti għandhom jilbsu l-uniformi jew il-PE kit skont l-orarju tagħhom. Il-PE kit għandha tintlibes fil-ġranet meta l-istudenti jkollhom dawn is-suġġetti: Edukazzjoni Fiżika (PE), Reliġjon permezz tal-Isport, Drama, Studji tat-Teatru Mużikali.

Jekk jogħġbok, ħu ħsieb innota li l-PE kits kollha huma mmarkati bl-arma tal-iskola tagħna. L-unika ġakketta li għandha tintlibes mal-PE kit u mal-uniformi hija l-ġakketta blu skur tal-flanella mingħand il-Bortex.  Madankollu, jekk xi studenta għad għandha l-ġakketta l-antika tal-Joma mingħand il-Full Marks, tista’ tużaha xorta waħda.  Però, tajjeb ngħidu, li l-ġakketta tal-Joma M’GĦANDHIEX tibqa’ tinxtara iżjed.

Id-dettalji dwar l-ilbies xieraq tal-uniformi mis-Snin tal-Primarja u Sekondarja, kif ukoll il-fornituri tal-aċċessorji tagħhom jinsabu hawn isfel.

| **L-aċċessorji kollha tal-uniformi (ħlief dawk tal-PE kit) jinsabu disponibbli mingħand:** | **L-aċċessorji tal-PE kit biss huma disponibbli mingħand:** |
|---|---|
| Bortex School Uniforms,<br>Mirabilis Building<br>Triq l-Intornjatur<br>Il-Bypass tal-Imrieħel<br>L-Imrieħel,<br>BKR3000<br>Tel: 21447767<br><br>Ħinijiet tal-Ftuħ<br>Tnejn – Sibt: 09:30 –  19:00 | FullMarks Sporting,<br>Galea Enterprises Ltd.,<br>288, Triq Ħaż-Żabbar,<br>Il-Fgura<br>Tel: 21677262<br>Indirizz elettroniku: fullmarks@melita.com<br><br>Ħinijiet tal-Ftuħ<br>Tnejn – Sibt: 09:00 – 12:30, u 16:00 – 19:00 |



*Lista tal-Uniformi:*

| | Mis-sentejn ta' Qabel il-Primarja – sat-2 Sena | Mit-3 Sena – Sal-5 Sena | Mis-6 Sena – Sal-11-il Sena |
|---|---|---|---|
| **Fis-sajf** | **<u>PE Kit</u>**<br>-T-shirt roża bil-kmiem qosra<br>-shorts blu<br>-kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa<br>-slipper tal-ġiri abjad<br>-basket tal-iskola griż<br>-beritta tal-iskola blu | **<u>Uniformi</u>**<br>-qmis roża bil-kmiem qosra - pinafore b'disinji ċċangjati<br>-kalzetti blu skur 'il fuq mill-għaksa<br>-żarbun tal-iskola blu skur<br>-basket tal-iskola griż<br><br>**<u>PE Kit</u>**<br>-T-shirt roża bil-kmiem qosra<br>-kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa - slipper tal-ġiri abjad<br>-beritta tal-iskola blu | **<u>Uniformi</u>**<br>-polo shirt blu bil-kmiem qosra<br>-dublett b'disinji ċċangjati u/jew qalziet blu<br>-kalzetti blu skur 'il fuq mill-għaksa<br>-żarbun tal-iskola blu skur<br>-basket tal-iskola griż<br><br>**<u>PE Kit</u>**<br>-T-shirt roża bil-kmiem qosra<br>-shorts blu<br>-kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa - slipper tal-ġiri abjad<br>-beritta tal-iskola blu |
| **Fix-xitwa** | **<u>PE Kit</u>**<br>-T-shirt roża bil-kmiem twal<br>-tracksuit blu / roża<br>-tights/kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa<br>-slipper tal-ġiri abjad<br>-basket tal-iskola griż<br>-beritta tal-iskola blu<br>-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp u li għandha l-arma tal-iskola | **<u>Uniformi</u>**<br>-flokk roża bil-kmiem twal<br>-kravatt b'disinji ċċangjati<br>-pinafore b'disinji ċċangjati<br>-ġerżi blu skur V-neck<br>-ġlekk blu skur<br>-tights blu skur jew kalzetti blu skur 'il fuq mill-għaksa/irkoppa<br>-żarbun tal-iskola blu skur -basket tal-iskola griż<br><br>**<u>Mhumiex obbligatorji</u>**<br>-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp u li għandha l-arma tal-iskola<br>-xalla tal-flanella, ingwanti u beritta bl-arma tal-iskola<br>-ġakketta tax-xita blu skur | **<u>Uniformi</u>**<br>-flokk roża bil-kmiem twal<br>-kravatt b'disinji ċċangjati<br>-dublett b'disinji ċċangjati u/jew qalziet blu<br>-ġerżi V-neck blu skur<br>-ġlekk blu skur<br>-tights blu skur jew kalzetti blu skur 'il fuq mill-għaksa/irkoppa<br>-żarbun tal-iskola blu skur<br>-basket tal-iskola griż<br><br>**<u>Mhumiex obbligatorji</u>**<br>-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp u li għandha l-arma tal-iskola<br>-xalla tal-flanella, ingwanti u beritta bl-arma tal-iskola<br>-ġakketta tax-xita blu skur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | **PE Kit**<br>-T-shirt roża bil-kmiem twal -tracksuit blu/roża<br>-tights/kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa<br>-slipper tal-ġiri abjad<br>-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp u li għandha l-arma tal-iskola | **PE Kit**<br>-T-shirt roża bil-kmiem twal<br>-tracksuit blu / roża<br>-kalzetti bojod 'il fuq mill-għaksa - slipper tal-ġiri abjad<br>-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp u li għandha l-arma tal-iskola |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Aċċessorji oħra li jistgħu jintużaw** | Jekk se jintlibes polo neck mal-PE kit tax-xitwa, dan għandu jkun blu skur u jintlibes taħt it-T-shirt<br><br>Bands tax-xagħar jew qfief oħra għandhom ikunu blu skur jew suwed mingħajr disinji fihom | Jekk se jintlibes polo neck mal-PE kit tax-xitwa, dan għandu jkun blu skur u jintlibes taħt it-T-shirt<br><br>Bands tax-xagħar jew qfief oħra għandhom ikunu blu skur jew suwed mingħajr disinji fihom | Jekk se jintlibes polo neck mal-PE kit tax-xitwa, dan għandu jkun blu skur u jintlibes taħt it-T-shirt<br><br>Bands tax-xagħar jew qfief oħra għandhom ikunu blu skur jew suwed mingħajr disinji fihom |

***Iżjed Noti Importanti:***

- Ix-xagħar m'għandux ikun miżbugħ. Ix-xagħar għandu jinġabar u jinqafel il-ħin kollu.
- Id-dwiefer tas-swaba' tal-id għandhom jinżammu qosra u naturali. Mhumiex aċċettati kuluri, forom ta' arti, ġellijiet jew żebgħa acrylic mad-dwiefer tas-swaba' tal-id, u lanqas dwiefer tal-fibreglass jew oħrajn foloz.
- Ġojjellerija u arloġġi smart mhumiex aċċettati. Huma aċċettati biss imsielet sempliċi li jaqblu mal-uniformi, waħda ma' kull widna, kif ukoll arloġġi sempliċi tal-id.
- Huma aċċettati biss żraben blu li jixirqu fl-iskola.
- Il-ġlekk tal-iskola huwa obbligatorju mit-3 Sena fil-Primarja sal-11-il Sena fis-Sekondarja u għandu jintlibes kuljum bħala parti mill-uniformi tax-xitwa. Fi ġranet kesħin, il-ġakketta blu skur tal-flanella li tinqafel biż-żipp għandha tintlibes taħt il-ġlekk.
- Is-shorts tal-PE kit huwa intenzjonalment wiesgħa, u t-tul tiegħu għandu jilħaq, tal-inqas, nofs il-koxxa. Jekk ikun jidher qasir jew dejjaq wisq, se tintalab tixtri ieħor ġdid.